# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 7 TA' DICEMBRU 2001**

**Avviz Nru 2298/97DM**

**Jetglass Limited**

**Vs**

**Oreste Cilia**

**Il-Qorti**

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex jhallas is-somma ta' seba' mija u hamsa u disghin lira Maltin u disa' u disghin centezmu (Lm795.99) rappresentanti din is-somma bilanc minn somma akbar rappresentanti din is-somma xoghol ta' tiswijiet fid-dghajsa propjeta tieghu u parts mibjugha u kkonsenjati lilu.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali mibghuta fit-9 ta' Dicembru 1996 u l-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Oreste Cilia fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi m'huwiex minnu illi l-konvenut ghandu jaghti s-somma indikata lis-socjeta' attrici;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16;
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tat-13 ta' Gunju 2001 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-preskrizzjoni eccepita mill-konvenut hija dik ta' hames (5) snin kontemplata fl-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili u li ghalhekk jispetta lil-attur illi jipprova illi d-dritt tal-azzjoni

tieghu kien setgha jigi ezercitat entro hames (5) snin qabel il-presentata tal-avviz fis-7 ta' Novembru 1997.

Biex tasal ghal dan, il-kumpanija attrici pprezentat l-'invoice' ossia kopja ta' 'invoice' (esibita bhala dokument AF a fol 35 tal-process) fejn jirrizulta illi l-ammont li kienet qed tippretendi minghand il-konvenut gie ridott ghas-somma ta' Lm350 (tlett mija u hamsin lira Maltin) u l-konvenut iffirma li jaccetta dan il-bilanc.

Fid-deposizzjoni tieghu l-konvenut jaccetta illi kien sar dan il-ftehim izda hu xorta wahda rrifjuta li jhallas l-istess kont peress illi sab xi difetti iktar serji milli kienu riskontrati dakinhar.

L-implikazzjonijiet ta' dan il-kont u l-ammissjoni tal-konvenut dwar il-fatt illi kien accettah huma illi l-perjodu preskrittiv ta' hames (5) snin beda jiddekorri fit-18 ta' Frar 1993 u illi l-ammont illi se mai setgha jigi mitlub mill-kumpanija attrici ma kienx dak indikat fl-avviz ta' Lm795.99 (seba mija u hamsa u disghin liri Maltin u disa' u disghin centezmi) izda biss dak ta' Lm350 (tlett mija u hamsin lira Maltin).

Ghalhekk l-azzjoni attrici bl-operat tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili kellha tigi preskritta fit-18 ta' Frar 1998. Izda jirrizulta illi c-citazzjoni ossia l-avviz gie prezentat fis-7 ta' Novembru 1997 ghalhekk entro il-hames (5) snin biex

b'hekk il-preskrizzjoni li kienet qieghda tiddekorri giet definittivament interrotta.

Dan kien kalkolu facli li l-konvenut setgha facilment jghamel u ghalhekk il-Qorti trid tinterpreta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minnhu sollevata fis-sens illi qieghed jippretendi illi l-perjodu preskrittiv setgha jigi interrot biss fid-data illi huwa gie notifikat bl-avviz ossia fis-27 ta' Gunju 2000 meta evidentement kienu lahqu ghaddew abbondantement il-hames (5) snin preskritti mill-Ligi.

Pero', kif dejjem gie ritenut kostantement mill-Qrati Civili, l-avviz (jew ic-citazzjoni) ma jistax jitqies bhala att gudizzjarju iehor kif kontemplat mill-ligi bhala wiehed mill-atti sufficjenti biex jinterrompi l-preskrizzjoni.

Mal-prezentata tal-avviz jew citazzjoni wiehed ma jistax jitkellem izjed dwar interruzzjoni ta' preskrizzjoni billi dawn l-atti gudizzjarji huwa effettivament l-ezercizzju tal-azzjoni u mal-prezentata taghhom il-perjodu preskrittiv ikun definittivament maghluq.

Kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-30 ta' Novembru 2001 fl-avviz Nru 932/99DM fl-ismijiet 'Charles Aquilina noe vs Marco Bonnici':- *"fejn l-atti gudizzjarji l-ohra sufficjenti biex jinteropmpu l-preskrizzjoni ma jimplikawx l-ezercitu tal-azzjoni l-avviz huwa l-att gudizzjarju li bih l-attur jkun effettivament ezcita l-azzjoni tieghu u minn dak inhar tal-prezentata tieghu ma tkunx izjed*

*il-kwistjoni tal-interruzzjoni o meno tal-preva tal-preskrizzjoni, billi huwa jkun ghamel fi zmien utili dak illi l-istitut tal-preskrizzjoni effettivament jkun obbligat jghamel.*

*F'dan is-sens il-Qrati Civili espremew ruhhom konstantement u l-Qorti hawnhekk taghmel riferenza ghal kawza deciza fil-5 t'Ottubru 1999 mill-Qorti Civili fl-ismijiet 'R Von Brocdorf Insurance Agency Limited nom vs John Ellul' citazzjoni Nru 438/97 u ghas-sentenzi l-ohrajn citati ma liema konkluzzjoni din il-Qorti taqbel perfettament."*

Ghaldaqstant billi t-terminu ta' hames (5) snin ma kienx lahaq iddekorra sal prezentata tal-avviz fis-7 ta' Novembru 1997, u ghalhekk l-azzjoni attrici ma kienetx lahqet giet preskritta, l-Qorti qieghda tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bl-ispejjez riservati ghal gudizzju finali.

Magt Dr D Montebello B A LLD

A. Farrugia
Dep.Reg.

Civil 26